| 3. L-OSIIs għandhom jiġu identifikati skont il-paragrafu 1. L-importanza sistemika għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin: | 3. L-OSIIs għandhom jiġu identifikati skont il-paragrafu 1. L-importanza sistemika għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin: |
| (a) id-daqs; | (a) id-daqs; |
| (b) l-importanza għall-ekonomija tal-Unjoni, jew tal-Istat Membru rilevanti; | (b) l-importanza għall-ekonomija tal-Unjoni, jew tal-Istat Membru rilevanti; |
| (c) is-sinifikanza tal-attivitajiet transkonfinali; | (c) l-attività transkonfinali tal-grupp ***li titwettaq barra mill-Istati*** Membri ***li jkunu qed jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013***. |
| (d) l-interkonnettività tal-istituzzjoni jew tal-grupp mas-sistema finanzjarja. | (d) l-interkonnettività tal-istituzzjoni jew tal-grupp mas-sistema finanzjarja. |
| ***L-ABE,*** wara li tikkonsulta lill-BERS, ***għandha*** sal-1 ta' Jannar ***2015*** tippubblika linji gwida dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs. Dawk il-linji gwida għandhom jieħdu kont tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali. | Wara li ***l-EBA*** tikkonsulta lill-BERS, ***sal-1 ta' Jannar 20XX għandha*** tippubblika linji gwida dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs. Dawk il-linji gwida għandhom jieħdu kont tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali. |
| | ″ |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013L0036&qid=1516919265977)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Bankarja jenħtieġ li tkun rikonoxxuta aħjar fil-metodoloġija ta' kalkolu tal-*

*Istituzzjonijiet Sistemikament Importanti Globali u Oħrajn (SIIs).*

**Emenda 347**
**Thierry Cornillet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131(2), il-punt e huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (e) l-attività transkonfinali tal-grupp, ***inkluż l-attività transkonfinali bejn l-Istati Membri u bejn Stat Membru u pajjiż terz***. | (e) l-attività transkonfinali tal-grupp ***li titwettaq barra mill-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Bankarja jenħtieġ li tkun rikonoxxuta aħjar fil-metodoloġija ta' kalkolu tal-Istituzzjonijiet Sistemikament Importanti Globali u Oħrajn.*

**Emenda 348**
**Thierry Cornillet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 3 – punt c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30b) Fl-Artikolu 131(3), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (c) is-sinifikanza tal-attivitajiet transkonfinali***;*** | "(c) is-sinifikanza tal-attivitajiet transkonfinali ***li jitwettqu barra mill-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE)*** |

***Nru 1024/2013.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Bankarja jenħtieġ li tkun rikonoxxuta aħjar fil-metodoloġija ta' kalkolu tal-Istituzzjonijiet Sistemikament Importanti Globali u Oħrajn (SIIs).*

**Emenda 349**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131, is-subparagrafu 2 tal-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***L-ABE,*** wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha ***sal-1 ta' Jannar 2015 tippubblika linji gwida*** dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs. Dawk ***il-linji gwida*** għandhom ***jieħdu kont*** tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali. | Wara li ***l-EBA*** tikkonsulta lill-BERS, ***sat-30 ta' Ġunju 2020 għandha*** tippubblika ***abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs ***u l-metodoloġija għall-kalibrazzjoni tar-rati tal-riżervi***. Dawk ***l-istandards tekniċi regolatorji*** għandhom ***iqisu*** tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali. ***L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2020.*** |
| | ***Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.*** |
| | *"* |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32013L0036)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qafas makroprudenzjali jrid joħloq bilanċ bir-reqqa bejn li jiżgura l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE għal funzjonament tajjeb tas-Suq Intern u jiggarantixxi biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex iqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali. Sabiex tiġi evitata frammentazzjoni kbira din l-emenda għandha tiżgura metodoloġija Ewropea komuni effettiva inklużi standards meta jintużaw tali strumenti, bħal bucket armonizzat jew metodoloġija ta' valutazzjoni għall-O-SIIs, abbozzata mill-EBA, flimkien mal-BERS.*

**Emenda 350**
**Thierry Cornillet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 30c (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30c) Fl-Artikolu 131, is-subparagrafu 2 tal-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-ABE, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha ***sal-1 ta' Jannar 2015*** tippubblika linji gwida dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs. Dawk il-linji gwida għandhom jieħdu kont tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali. | L-ABE, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha ***sal-1 ta' Jannar 20XX***[1a] tippubblika linji gwida ***aġġornati*** dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs. Dawk il-linji gwida għandhom jieħdu kont tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali. |
| | [1a] ***Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Bankarja jenħtieġ li tkun rikonoxxuta aħjar fil-metodoloġija ta' kalkolu tal-Istituzzjonijiet Sistemikament Importanti Globali u Oħrajn (SIIs).*

**Emenda 351**
**Esther de Lange**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/63/UE
Artikolu 131 - paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131, jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:*** |
| | *"* |
| | ***3a. Meta, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata, fl-eżerċizzju ta' ġudizzju superviżorju sod, jikklassifikaw mill-ġdid O-SII bħala mhux sistematika, tali riklassifikazzjoni għandha ssir effettiva mit-tieni sena finanzjarja wara d-data li fiha tittieħdet din id-deċiżjoni.*** |
| | *"* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda jenħtieġ li twassal ukoll għal bidla fid-definizzjoni fil-punt 139 tal-Artikolu 4(1) tas-CRR, biż-żieda ta' "jew għat-tul tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 131(3a) tad-Direttiva 2013/36/UE" u t-tmiem ta' dak il-punt.*

**Emenda 352**
**Roberto Gualtieri**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata ***jew individwali***, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa ***2 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat ***f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu*** l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità KomuniSII. | "5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata, skont kif japplika, biex iżżomm***:*** |
| | ***(a)*** riżerva għal O-SII sa ***2,5 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat, ***li għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni; f'dan ir-rigward, għandhom jitqiesu*** l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII***; flimkien ma'*** |
| | ***(b) aġġustament tal-proporzjon ta' ingranaġġ ta' O-SII, li għandu jinżamm flimkien mal-proporzjon ta' ingranaġġ skont l-Artikolu 92(1)[d] tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li jiġi ddeterminat mill-multiplikazzjoni tal-ammonti li ġejjin:*** |
| | ***(i) il-proporzjon tal-riżerva ta' O-SII kif imsemmi fil-punt (a), li għal dan il-għan ma għandux jaqbeż il-1.85 %, u*** |
| | ***(ii) fattur ta' 0.35.*** |
| | ***Il-kapital proprju meħtieġ għal dan il-għan għandu jiġi ddeterminat bil-multiplikazzjoni tar-riżultat tal-kalkolu deskritt f'dan il-paragrafu mal-miżura tal-iskopertura ingranata totali tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 429(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013."*** |

Or. en

**Emenda 353**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa ***2 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità KomuniSII. | "5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa ***3.5 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII ***soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni***. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità KomuniSII. |
| | ***Fi żmien xahar min-notifika msemmija fil-paragrafu 7, il-BERS għandu jipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk ir-riżerva O-SII titqiesx adatta. L-EBA tista' wkoll tagħti lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar ir-riżerva skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.*** |
| | ***Fi żmien xahrejn min-notifika, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-valutazzjoni tal-BERS u l-ABE, jekk tkun rilevanti, u jekk tkun sodisfatta li r-riżerva O-SII ma tinvolvix effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni inġenerali li jwasslu biex jiġi ffurmat jew jinħoloq ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jawtorizza lill-awtorità kompetenti jew lill-*** |

***awtorità nnominata biex tadotta l-miżura proposta.***

***"***

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 354**
**Matt Carthy, Martin Schirdewan, Miguel Viegas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa ***2 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni. | "5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa ***5 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni. " |

Or. en

**Emenda 355**
**Ashley Fox**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(30a) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII ***sa 2 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII**.** | "5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII ***ta' bejn 0 % u 3 %*** tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII***; li*** għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni. |
| | ***l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw ir-rekwiżit li jżommu riżerva O-SII u riżerva ta' ingranaġġ fuq bażi konsolidata, fejn ir-riżervi japplikaw fuq bażi individwali jew subkonsolidata għas-sussidjarji ta' O-SII soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru kkonċernat, li huma inklużi fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata u li l-awtorità kompetenti rilevanti ta' dak l-Istat Membru hija s-superviżur ta' konsolidazzjoni tagħhom.*** |
| | *"* |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013L0036&from=MT)*

**Emenda 356**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 - paragrafu 7 - parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30b) Fl-Artikolu 131(7), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*** |
| 7. Qabel ma tiffissa jew terġa' tiffissa riżerva ta' O-SII, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika ***lill-Kummissjoni,*** lill-BERS***, lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti u nnominati tal-Istati Membri kkonċernati*** xahar qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5. Dik in-notifika għandha tiddeskrivi fid-dettall: | "7. Qabel ma tiffissa jew terġa' tiffissa riżerva ta' O-SII, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika lill-BERS xahar qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5. ***Il-BERS għandu jibgħat in-notifiki lill-Kummissjoni, lill-EBA u lill-awtoritajiet kompetenti u nnominati tal-Istati Membri kkonċernati f'perjodu ta' żmien stipulat.*** Dik in-notifika għandha tiddeskrivi fid-dettall: <br> " |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 357**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 30c (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 8

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30c) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 133 u l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fejn OSII tkun sussidjarja ta' G-SII jew ta' O-SII li hija istituzzjoni prinċipali tal-UE u soġġetta għal riżerva ta' O-SII fuq bażi kkonsolidata, ir-riżerva li tapplika fuq livell individwali jew subkonsolidat għall-O-SII m'għandhiex tkun iktar mill-ogħla valur ta': | "8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 133 u l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fejn OSII tkun sussidjarja ta' G-SII jew ta' O-SII li hija istituzzjoni prinċipali tal-UE u soġġetta għal riżerva ta' O-SII fuq bażi kkonsolidata, ir-riżerva li tapplika fuq livell individwali jew subkonsolidat għall-O-SII m'għandhiex tkun iktar mill-ogħla valur ta': |
| (a) ***1 %*** tal-ammont totali tal-iskopertura | (a) ***It-total tal-ogħla mir-rata ta' riżerva*** |

| | |
|---|---|
| għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u | ***ta' G-SII jew O-SII applikabbli għall-grupp f'livell ikkonsolidat u 1.5 %*** tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u |
| (b) ***ir-rata ta' riżerva ta' G-SII jew O-SII applikabbli*** għall-grupp f'livell ikkonsolidat. | (b) ***3.5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew ir-rata li l-Kummissjoni awtorizzat biex tiġi applikata*** għall-grupp f'livell ikkonsolidat. *"* |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 358**
**Matt Carthy, Martin Schirdewan, Miguel Viegas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 9

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30 b) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 9. Għandu jkun hemm tal-inqas ħames subkategoriji ta' G-SIIs. Il-limitu l-aktar baxx u l-limiti ta' bejn kull subkategorija għandhom jiġu ddeterminati mill-punteġġi skont il-metodoloġija tal-identifikazzjoni. Il-punteġġi li jifirdu s-subkategoriji li jmissu ma' xulxin għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar u għandhom josservaw il-prinċipju li hemm żieda lineari kostanti ta' sinifikat sistemiku, bejn kull subkategorija li tirriżulta f'żieda lineari fir-rekwiżit ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni, bl-eċċezzjoni tal-ogħla subkategorija. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, sinifikat sistemikuhija l-impatt mistenni fuq is-suq finanzjarju globali kkawżat minn | "9. Għandu jkun hemm tal-inqas ħames subkategoriji ta' G-SIIs. Il-limitu l-aktar baxx u l-limiti ta' bejn kull subkategorija għandhom jiġu ddeterminati mill-punteġġi skont il-metodoloġija tal-identifikazzjoni. Il-punteġġi li jifirdu s-subkategoriji li jmissu ma' xulxin għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar u għandhom josservaw il-prinċipju li hemm żieda lineari kostanti ta' sinifikat sistemiku, bejn kull subkategorija li tirriżulta f'żieda lineari fir-rekwiżit ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni, bl-eċċezzjoni tal-ogħla subkategorija. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, sinifikat sistemikuhija l-impatt mistenni fuq is-suq finanzjarju globali kkawżat minn |

| | |
|---|---|
| diffikultajiet għall-G-SII. Is-subkategorija l-aktar baxxa għandha tiġi assenjata riżerva ta' G-SII ta' ***1 %*** tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-riżerva assenjata lil kull subkategorija għandu jiżdied b'pendili ta' ***0,5 %*** tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 sa u inkluża r-raba' subkategorija. L-ogħla subkategorija tar-riżerva ta' G-SIIgħandha tkun soġġetta għal riżerva ta' ***3,5 %*** tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. | diffikultajiet għall-G-SII. Is-subkategorija l-aktar baxxa għandha tiġi assenjata riżerva ta' G-SII ta' ***2 %*** tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-riżerva assenjata lil kull subkategorija għandu jiżdied b'pendili ta' ***1 %*** tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 sa u inkluża r-raba' subkategorija. L-ogħla subkategorija tar-riżerva ta' G-SIIgħandha tkun soġġetta għal riżerva ta' ***8 %*** tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. " |

Or. en

**Emenda 359**
**Esther de Lange**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30b) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | *"* |
| 11. Jekk l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tieħu deċiżjoni f'konformità ***mal-paragrafu*** 10(b), hija għandha tinnotifika ***lill-ABE*** b'dan, u tagħti raġunijiet. | 11. Jekk l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tieħu deċiżjoni f'konformità ***mal-paragrafi 3(a) jew*** 10(b), hija għandha tinnotifika ***lill-EBA*** b'dan, u tagħti raġunijiet. |
| | *"* |

Or. en

**Emenda 360**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30d (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 12

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30d) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 12. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għadha tinnotifika l-ismijiet tal-G-SIIs u l-O-SIIs u s-subkategorija rispettiva fejn tiġi allokata kull G-SII, ***lill-Kummissjoni,*** lill-BERS u ***lill-ABE,*** u ***għandha tiżvela*** isimhom lill-pubbliku. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet innominati għandhom jiżvelaw lill-pubbliku s-subkategorija fejn tiġi allokata kull G-SII. | "12. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għadha tinnotifika l-ismijiet tal-G-SIIs u l-O-SIIs u s-subkategorija rispettiva fejn tiġi allokata kull G-SII, lill-BERS***. Il-BERS għandu jibgħat in-notifiki lill-Kummissjoni*** u ***lill-EBA f'perjodu ta' żmien stipulat, u għandu jiżvela*** isimhom lill-pubbliku. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet innominati għandhom jiżvelaw lill-pubbliku s-subkategorija fejn tiġi allokata kull G-SII. |
| L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha kull sena tirrieżamina l-identifikazzjoni tal-G-SIIs u l-O-SIIs u l-allokazzjoni tal-G-SIIs fis-subkategoriji rispettivi u tirrapporta r-riżultat lill-istituzzjoniji sistemikament importanti kkonċernata, lill-Kummissjoni***, lill-BERS*** u lill-EBA ***u*** tiżvela ***l-lista*** aġġornata ta' istituzzjonijijiet sistemikament importanti li jkunu identifikati lill-pubbliku u għandha tiżvela lill-pubbliku s-subkategorija fejn tkun allokata kull G-SII identifikata. | L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha kull sena tirrieżamina l-identifikazzjoni tal-G-SIIs u l-O-SIIs u l-allokazzjoni tal-G-SIIs fis-subkategoriji rispettivi u tirrapporta r-riżultat lill-istituzzjoniji sistemikament importanti kkonċernata, ***lill-BERS li għandu jibgħat ir-riżultati*** lill-Kummissjoni u lill-EBA ***f'perjodu ta' żmien stipulat. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha*** tiżvela ***pubblikament il-lista*** aġġornata ta' istituzzjonijijiet sistemikament importanti li jkunu identifikati lill-pubbliku u għandha tiżvela lill-pubbliku s-subkategorija fejn tkun allokata kull G-SII identifikata. |
| | " |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 361**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30e (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 131 – paragrafu 14

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30e) Fl-Artikolu 131, il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej*** |
| 14. Fejn grupp, fuq bażi kkonsolidata, ikun soġġett għal ***li ġej***, għandu japplika r-riżerva l-aktar għolja ***f'kull każ:*** | "14. Fejn grupp, fuq bażi kkonsolidata, ikun soġġett għal ***riżerva ta' G-SII u riżerva ta' O-SII***, għandu japplika r-riżerva l-aktar għolja**.** |
| ***(a)*** riżerva ta' G-SII u riżerva ta' O-SII; | Meta istituzzjoni, fuq bażi individwali jew subkonsolidata, tkun soġġetta għal riżerva O-SII u riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133, ***għandu japplika t-total taż-żewġ riżervi***. |
| ***(b) riżerva ta' G-SII***, riżerva ta' ***O-SII*** u ***riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133***. | ***Meta grupp, fuq bażi konsolidata, ikun soġġett għal riżerva ta' G-SII, riżerva ta' O-SII u riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133, għandu japplika t-total ta' dawn li ġejjin:*** |
| Meta istituzzjoni, fuq bażi individwali jew subkonsolidata, tkun soġġetta għal riżerva O-SII u riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133, ***għandha tapplika r-riżerva l-aktar għolja***. | ***(a) ir-riżerva ta' G-SII jew riżerva ta' O-SII l-aktar għolja;*** |
| | ***(b) ir-riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133.*** |
| | *"* |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 362**
**Ashley Fox**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30b) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Kull Stat Membru jista' jintroduċi riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' ***dak is-settur***, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali ***mhux ċikliċi fuq perijodu twil*** li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku. | "1. Kull Stat Membru jista' jintroduċi riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ***għall-istituzzjonijiet, jew għal subsett tagħhom, għall-iskoperturi tagħhom*** għas-settur finanzjarju ***jew is-settur mhux finanzjarju*** jew subsett wieħed jew aktar ta' ***dawk is-setturi***, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku. |
| | *"* |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013L0036&from=MT)*

**Emenda 363**
**Esther de Lange**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 30c (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30c) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | *"* |
| 1. Kull Stat Membru jista' jintroduċi riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal- | 1. Kull Stat Membru jista' jintroduċi riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal- |

| | |
|---|---|
| Grad 1 tal-Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali ***mhux ċikliċi fuq perijodu twil*** li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku. | Grad 1 tal-Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur ***fuq l-iskoperturi kollha jew subsett tagħhom***, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku.<br>" |

Or. en

**Emenda 364**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30f (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30 f) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Kull Stat Membru ***jista' jintroduċi*** riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali mhux ċikliċi fuq perijodu twil li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku. | "1. ***L-awtorità kompetenti jew innominata ta'*** kull Stat Membru ***għandu jkollha s-setgħa li tistabbilixxi*** riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur, ***fuq l-iskoperturi kollha jew subsett tagħhom*** biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali mhux ċikliċi fuq perijodu twil li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ***u bl-Artikolu 131 ta' din id-Direttiva***, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku.<br>" |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 365**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30 g (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 - paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30g) Fl-Artikolu 133, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:*** |
| | ***"1a. Ir-riżerva tar-riskju sistemiku kumulattiv hija t-total tar-riżerva ta' riskju sistemiku applikata għall-iskoperturi kollha, ikkalkulat abbażi tal-ammont ta' skopertura għar-riskju totali, u riżerva jew diversi riżervi tar-riskju sistemiku applikati għal subsett ta' skoperturi, ikkalkulati abbażi tal-ammont ta' skopertura għar-riskju rilevanti, skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu."*** |

Or. en

**Emenda 366**
**Ashley Fox**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 30c (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30c) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal- | "3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal- |

| | |
|---|---|
| Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, riżerva għal riskju sistemiku ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ***ta' mill-inqas 1 %*** bbażata fuq l-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, fuq bażi individwali kkonsolidata jew subkonsolidata, skont kif japplika f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II ta' dak ir-Regolament. | Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, riżerva għal riskju sistemiku ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni bbażata fuq l-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, fuq bażi individwali kkonsolidata jew subkonsolidata, skont kif japplika f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II ta' dak ir-Regolament. |
| | ***Ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku globali ta' istituzzjoni għandha tiġi kkalkulata bħala t-total tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b) diviż bl-ammont speċifikat fil-punt (c), espress bħala perċentwal;*** |
| | ***(a) kwalunkwe riżerva tar-riskju sistemiku applikata għall-iskoperturi kollha għall-istituzzjonijiet kollha, jew fejn rilevanti, għall-iskoperturi kollha għal subsettijiet ta' istituzzjonijiet;*** |
| | ***(b) kwalunkwe riżerva tar-riskju sistemiku applikata għal skoperturi għal setturi jew subsetturi individwali; u*** |
| | ***(c) l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.*** |
| L-awtorità kompetenti jew innominata rilevanti tista' tesiġi li l-istituzzjonijiet iżommu r-riżerva għal riskju sistemiku fuq livell individwali u fuq livell ikkonsolidat. | L-awtorità kompetenti jew innominata rilevanti tista' tesiġi li l-istituzzjonijiet iżommu r-riżerva għal riskju sistemiku fuq livell individwali u fuq livell ikkonsolidat. " |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013L0036&from=MT)*

**Emenda 367**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30h (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30h) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, riżerva għal riskju sistemiku ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ta' mill-inqas 1 % bbażata fuq l-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, fuq bażi individwali kkonsolidata jew subkonsolidata, skont kif japplika f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II ta' dak ir-Regolament. L-awtorità kompetenti jew innominata rilevanti tista' tesiġi li l-istituzzjonijiet iżommu r-riżerva għal riskju sistemiku fuq livell individwali u fuq livell ikkonsolidat. | "3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, riżerva għal riskju sistemiku ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ta' mill-inqas 1 % bbażata fuq l-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, fuq bażi individwali kkonsolidata jew subkonsolidata, skont kif japplika f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II ta' dak ir-Regolament. L-awtorità kompetenti jew innominata rilevanti tista' tesiġi li l-istituzzjonijiet iżommu r-riżerva għal riskju sistemiku fuq livell individwali u fuq livell ikkonsolidat. ***Ir-riżerva għar-riskju sistemiku għandha tiġi applikata biex tindirizza riskji mhux koperti mir-riżerva ta' G-SII jew ir-riżerva ta' O-SII skont l-Artikolu 131.*** " |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 368**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30i (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 4

| Test fis-seħħ | Emenda |
|---|---|
| | ***(30i) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jużaw il-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni li jinżamm sabiex jissodisfa r-rekwiżit skont il-paragrafu 3 biex jiġi sodisfatt kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikoli 129 ***u*** 130 ta' din id-Direttiva u kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikoli 102 ***u*** 104 ta' din id-Direttiva. ***Meta grupp li jkun ġie identifikat bħala istituzzjoni sistemikament importanti li hi soġġetta għal riżerva ta' G-SII jew għal riżerva ta' O-SII fuq bażi kkonsolidata f'konformità mal-Artikolu 131 jkun soġġett ukoll għal riżerva għal riskju sistemiku fuq bażi kkonsolidata f'konformità ma' dan l-Artikolu, għandha tapplika l-ogħla waħda mir-riżervi. Meta istituzzjoni, fuq bażi individwali jew subkonsolidata, tkun soġġetta għal għal riżerva ta' O-SII f'konformità mal-Artikolu 131 u għal riżerva għal riskju sistemiku f'konformità ma' dan l-Artikolu, għandha tapplika l-ogħla waħda mit-tnejn.*** | "4. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jużaw il-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni li jinżamm sabiex jissodisfa r-rekwiżit skont il-paragrafu 3 biex jiġi sodisfatt kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikoli 129***,*** 130 ***u 131*** ta' din id-Direttiva u kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikoli 102***,*** 104***, 104a u 104b*** ta' din id-Direttiva. |
| | " |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 369**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30j (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 6

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30j) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***6. Fejn ikun japplika l-paragrafu 4 u*** istituzzjoni tkun parti minn grupp jew subgrupp li għalih jappartjenu G-SII jew O-SII, dan m'għandu qatt jimplika li dik l-istituzzjoni għandha, fuq bażi individwali, tkun soġġetta għal rekwiżit ta' riżerva kkombinata li hija inqas mis-somma tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika, u ***l-ogħla waħda mir-riżervi*** O-SII u ***għal riskju*** sistemiku applikabbli għaliha fuq bażi individwali. | "***6. Jekk*** istituzzjoni tkun parti minn grupp jew subgrupp li għalih jappartjenu G-SII jew O-SII, dan m'għandu qatt jimplika li dik l-istituzzjoni għandha, fuq bażi individwali, tkun soġġetta għal rekwiżit ta' riżerva kkombinata li hija inqas mis-somma tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika, u ***t-total tar-riżerva ta'*** O-SII u ***r-riżerva tar-riskju*** sistemiku applikabbli għaliha fuq bażi individwali.<br><br>" |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 370**
**Ashley Fox**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30d (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 9

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30d) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 9. Ir- riżerva għal riskju sistemiku għandha tapplika għall-istituzzjonijiet kollha, jew għal subsett wieħed jew iktar ta' dawk l-istituzzjonijiet, li għalihom l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat ikunu kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva u għandu jiġi ffissat b'passi gradwali jew aċċellerati ta' aġġustament ***ta' 0,5 punti perċentwali***. Jistgħu jiġu introdotti rekwiżiti differenti għal | "9. Ir-riżerva għal riskju sistemiku għandha tapplika għall-istituzzjonijiet kollha, jew għal subsett wieħed jew iktar ta' dawk l-istituzzjonijiet, li għalihom l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat ikunu kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva u għandu jiġi ffissat b'passi gradwali jew aċċellerati ta' aġġustament. Jistgħu jiġu introdotti rekwiżiti differenti għal subsettijiet differenti ***ta' settur,*** |

| | |
|---|---|
| subsettijiet differenti ***tas-settur***. | ***skoperturi settorjali jew, fejn rilevanti għal subsettijiet ta' skoperturi settorjali***.<br>" |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013L0036&from=MT)*

**Emenda 371**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30k (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 10 – punt ba (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3k) Fl-Artikolu 133(10) jiżdied il-punt ba:*** |
| | ***(ba) Ir-riżerva tar-riskju sistemiku ma għandhiex tindirizza r-riskji koperti mill-qafas stabbilit fl-Artikolu 131.***<br>" |

Or. en

*(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:176:0338:0436:MT:PDF)*

**Emenda 372**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30l (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 133 – paragrafu 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30l) Fl-Artikolu 133, il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 11. Qabel tiġi ffissata jew iffissata mill-ġdid rata ta' riżerva għal riskju sistemiku ta' | "11. Qabel tiġi ffissata jew iffissata mill-ġdid rata ta' riżerva għal riskju sistemiku ta' |

mhux aktar minn 3 %, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika lill-Kummissjoni,lill-BERS u ***lill-ABE*** u lill-awtoritajiet kompetenti u nnominati tal-Istati Membri kkonċernati xahar qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 16. Jekk ir-riżerva tapplika għall-iskoperturi li qegħdin f'pajjiżi terzi l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika wkoll lill-awtoritajiet superviżorji ta' dawk il-pajjiżi terzi. Dik in-notifika għandha tiddeskrivi fid-dettall:

(a) ir-riskju sistemiku jew makroprudenzjali fl-Istat Membru;

(b) ir-raġunijiet għaliex id-dimensjoni tar-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali thedded l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fil-livell nazzjonali li tiġġustifika r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku;

(c) il-ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex ir-riżerva għal riskju sistemiku titqies li x'aktarx tkun effettiva u proporzjonata biex ittaffi r-riskju;

(d) valutazzjoni tal-impatt probabbli, pożittiv jew negattiv, tar-riżerva għal riskju sistemiku fuq is-suq intern abbażi tal-informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru;

***(e) il-ġustifikazzjoni għalfejn ebda waħda mill-miżuri eżistenti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tal-Artikoli 458 u 459 ta' dak ir-Regolament, waħedha jew flimkien ma' oħrajn ma ser tkun biżżejjed biex tindirizza r-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat b'kont meħud tal-effettività relattiva ta' dawk il-miżuri;***

**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-fondi proprji miżmuma biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit skont l-Artikolu 128(6) ma għandhomx jintużaw ukoll sabiex jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti definiti fl-Artikolu 45c, 45d u 45e tad-Direttiva 2014/59/UE).*** |

Or. en

**Emenda 405**
**Marco Valli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Atikolu 141a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, istituzzjoni ma għandhiex titqies li qiegħda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat għall-finijiet tal-Artikolu 141 meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) u kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1;*** | |
| ***(b) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li tbiddel l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;*** | |
| ***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ksur tar-rekwiżit MREL jista' jirriżulta minħabba raġunijiet differenti minn dawk li jwasslu għal ksur kapitali u għalhekk jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ. Għalhekk l-emendi proposti għandhom l-għan li jneħħu l-awtomatiċità tar-restrizzjonijiet tal-AMD.*

**Emenda 406**
**Matt Carthy, Martin Schirdewan, Miguel Viegas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**

Direttiva 2013/36/UE
Atikolu 141a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, istituzzjoni ma għandhiex titqies li qiegħda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat għall-finijiet tal-Artikolu 141 meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) u kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1;*** | |
| ***(b) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li tbiddel l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;*** | |
| ***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*** | |

Or. en

**Emenda 407**
**Ashley Fox**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Atikolu 141a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, istituzzjoni ma għandhiex titqies li qiegħda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat għall-finijiet tal-Artikolu 141 meta jkunu ssodisfati l-*** | ***imħassar*** |

*kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*

*(a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) u kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1;*

*(b) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li tbiddel l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;*

*(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*

Or. en

**Emenda 408**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Atikolu 141a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, istituzzjoni ma għandhiex titqies li qiegħda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat għall-finijiet tal-Artikolu 141 meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) u kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1;*** | |
| ***(b) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv*** | |

***għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li tbiddel l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;***

***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..***

Or. en

**Emenda 409**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1,*** istituzzjoni ***ma għandhiex titqies li qiegħda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat għall-finijiet tal-Artikolu 141 meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** | 2. Istituzzjoni ***li ma għandhiex fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'ammont u tal-kwalità meħtieġa sabiex fl-istess ħin tissodisfa r-rekwiżit iddefinit fl-Artikolu 128(6) (b) u (c) u kull wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin fl-Artikolu 92a(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikoli 45c(3)(a), 45c(4)(a) u 45d(1)(b) tad-Direttiva 2014/59/UE meta r-rekwiżit addizzjonali potenzjali msemmi f'dan l-Artikolu jiġi kkalkulat skont l-Artikoli 45c(3)(a) u 45c(4)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE, iżda li tissodisfa kull wieħed mir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 hawn fuq, għandha titqies bħala li qed tiffaċċja impediment sostantiv għar-riżolvibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2014/59/UE. Hija għandha tipproponi miżuri possibbli biex tiżgura l-konformità, kif deskritt fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2014/59/UE. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jeżaminaw dawn il-miżuri u jikkonsultaw ma' xulxin, u jistgħu jagħmlu użu mis-setgħat mogħtija*** |

| | |
|---|---|
| | ***lilhom fl-Artikolu 45(k) tad-Direttiva 2014/59/UE.*** |

Or. en

**Emenda 410**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) u kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 411**
**Pedro Silva Pereira**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) ***u*** kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1; | (a) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat iddefinit fl-Artikolu 128(6) ***meta jitqies flimkien ma'*** kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1; |

Or. en

**Emenda 412**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li tbiddel l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 413**
**Pedro Silva Pereira**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) in-nuqqas ta' ssodisfar ***tar-rekwiżiti msemmija*** fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li tbiddel l-obbligazzjonijiet li ***ma għadhomx*** jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; | (b) in-nuqqas ta' ssodisfar ***tar-rekwiżit ta' bafer kombinat definit fl-Artikolu 128(6) meta kkunsidrat flimkien mar-rekwiżit imsemmi*** fil-punt (d) tal-paragrafu 1 huwa dovut b'mod esklussiv għan-nuqqas ta' ħila tal-istituzzjoni li ***toħroġ*** l-obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ***jew li tissostitwixxi l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw tali kriterji ta' eliġibbiltà jew ta' maturità***; |

Or. en

**Emenda 414**
**Esther de Lange**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-gwida dwar l-MREL jenħtieġ li tiffunzjona bħala distanza tal-waqfien, mingħajr konsegwenzi diretti fuq id-distribuzzjonijiet fil-każ ta' ksur. Kwalunkwe ksut tar-rekwiżit MREL jenħtieġ li mbagħad iwassal għal restrizzjoni diretta fuq id-distribuzzjonijiet, mingħajr "perjodu ta' grazzja".*

**Emenda 415**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 416**
**Pedro Silva Pereira**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 417**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) in-nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma jdumx aktar minn 6 xhur..*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 418**
**Marco Valli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Istituzzjoni li ma għandhiex fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'ammont u tal-kwalità meħtieġa sabiex fl-istess ħin tissodisfa r-rekwiżit iddefinit*** |

| | |
|---|---|
| | ***fl-Artikolu 128.6(b) u (c) u kull wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikoli 45c u 45d tad-Direttiva 2014/59/UE, iżda li tissodisfa kull wieħed mir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 hawn fuq, għandha titqies bħala li qed tiffaċċja impediment sostantiv għar-riżolvibbiltà. L-istituzzjoni għandha għalhekk tipproponi lill-awtoritajiet kompetenti miżuri possibbli biex jindirizzaw jew ineħħu l-impediment sostantiv skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2014/59/UE. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw dawn il-miżuri qabel ma jadottaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 45(k) tad-Direttiva 2014/59/UE.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ksur tar-rekwiżit MREL jista' jirriżulta minħabba raġunijiet differenti minn dawk li jwasslu għal ksur kapitali u għalhekk jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ. Għalhekk l-emendi proposti għandhom l-għan li jneħħu l-awtomatiċità tar-restrizzjonijiet tal-AMD.*

**Emenda 419**
**Pedro Silva Pereira**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-istituzzjoni għandha tirrapporta mingħajr dewmien dwar l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti meta hija tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ikunu ġew issodisfati.*** |

Or. en

**Emenda 420**
**Pedro Silva Pereira**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32 (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 141a – paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Wara li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ikunu ġew issodisfati għal aktar minn 12-il xahar, l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe ħin tista', abbażi taċ-ċirkostanzi li ma ħallewx lill-istituzzjoni toħroġ obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà jew maturità stipulati fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew li tissostitwixxi obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw tali kriterji ta' eliġibbiltà jew maturità u tal-miżuri proposti mill-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, wara li tikkonsulta l-awtorità ta' riżoluzzjoni, tiddetermina li l-istituzzjoni għandha titqies bħala li qed tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat għall-finijiet tal-Artikolu 141.*** |

Or. en

**Emenda 421**
**Matt Carthy, Martin Schirdewan, Miguel Viegas**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32a (ġdid)**
Direttiva 2013/36/UE
Kapitolu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) Jiżdied il-Kapitolu 4a li ġej:*** |
| | ***KAPITOLU 4a*** |
| | ***Istituzzjonijiet kbar wisq biex ifallu*** |

***Taqsima I***

***Trattament ta' ċerti attivitajiet***

***Artikolu 142a***

***Definizzjonijiet***

***1. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:***

***(1) L-istituzzjonijiet kbar wisq biex ifallu (TBTF) huma istituzzjonijiet domestiċi jew globali li laħqu daqs jew livell ta' kumplessità li l-falliment tagħhom iwassal għal taqlib sinifikanti fl-ekonomija tal-Unjoni, Stat Membru jew partijiet minnu. L-istituzzjonijiet sistematikament importanti kif definit fl-Artikolu 3(1)(30) għandhom jitqiesu bħala kbar wisq biex ifallu.***

***(2) "istituzzjoni ta' kreditu prinċipali" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li tal-anqas tieħu depożiti eliġibbli taħt l-Iskema ta' Garanzija għal Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE[142a].***

***(3) "negozjar proprjetarju" tfisser l-użu ta' kapital proprju jew flus missellfa għat-teħid ta' pożizzjonijiet fi kwalunkwe tip ta' tranżazzjoni għax-xiri, il-bejgħ jew inkella l-ksib jew id-disponiment ta' kwalunkwe strument jew prodott finanzjarju mingħajr konnessjoni dimostrabbli***

***(a) mal-attività tal-klijent attwali jew antiċipata b'mod raġonevoli,***

***(b) mal-iħħeġġjar tar-riskji proprji tal-entità li jirriżultaw mill-attività tal-klijent attwali jew antiċipata b'mod raġonevoli, jew***

***(c) mal-ġestjoni prudenti tal-kapital, il-likwidità u l-finanzjament tal-entità;***

***Artikolu 142b***

***Attivitajiet ta' negozjar***

***1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 142a (ġdid) ma***

***għandhomx:***

***(a)	jinvolvu ruħhom f'negozjar proprjetarju;***

***(b)	bil-kapital proprju tagħhom jew flus missellfa:***

***(i)	jiksbu jew iżommu unitajiet jew ishma AIF kif definit mill-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE jew ta' kwalunkwe entitá li tinvolvi ruħha f'negozjar proprjetarju jew tikseb unitajiet jew ishma f'AIFs;***

***(ii)	jinvolvu ruħhom f'self għal jew fl-għoti ta' garanziji lill-AIFs jew lil kwalunkwe entità li tinvolvi ruħha f'negozjar proprjetarju jew tikseb unitajiet jew ishma fl-AIFs;***

***(iii)	jinvestu f'derivattivi, ċertifikati, indiċijiet jew kwalunkwe strument finanzjarju ieħor li l-prestazzjoni tiegħu tkun marbuta ma' ishma jew unitajiet ta' AIFs jew li jinħareġ minn AIF;***

***2.	Il-projbizzjoni fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal strumenti finanzjarji maħruġa minn gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri jew minn entitajiet elenkati fil-paragrafu (2) tal-Artikolu 117 u fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.***

***3.	Il-korp maniġerjali ta' kull entità msemmija fl-Artikolu 142a (ġdid) u l-membri kollha tiegħu individwalment jiżguraw b'mod permanenti l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.***

***4.	Kull entità msemmija fl-Artikolu 142a (ġdid), fir-rapport annwali tagħha għandha tinkludi spjegazzjoni ta' kif tikkonforma mar-rekwiżiti fil-paragrafu 2.***

***5.	Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw minn [OP - jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża, 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva].***

***6.	Il-Kummissjoni għandha tingħata***

*s-setgħa li tadotta atti delegati biex teżenta mill-projbizzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1:*

*(a) strumenti finanzjarji oħrajn għajr dawk imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 maħruġa mill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi li japplikaw arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, li l-iskoperturi għalihom huma assenjati ponderazzjoni ta' riskju ta' 0 fil-mija skont l-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;*

*(b) strumenti finanzjarji maħruġa minn gvernijiet reġjonali tal-Istati Membri, li l-iskoperturi għalihom huma assenjati ponderazzjoni ta' riskju ta' 0 fil-mija skont l-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. 7.*

*7. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, attività għandha titqies bħala negozjar proprjetarju sakemm istituzzjoni ma turix għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti li mhijiex koperta mid-definizzjoni ta' negozjar proprjetarju fl-Artikolu 142a (ġdid).*

*Taqsima II*

*Attivitajiet ewlenin*

*Artikolu 142c (ġdid)*

*Attivitajiet ta' kreditu prinċipali*

*1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-attivitajiet imwettqa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali għandhom jinkludu esklussivament:*

*(a) it-teħid ta' depożiti li huma eliġibbli taħt l-Iskema ta' Garanzija għal Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[142b];*

*(b) self li jinkludi, kreditu tal-konsumaturi, ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturament b'rikors jew mingħajru, finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfaiting);*

***(c) lokazzjoni finanzjarja;***

***(d) servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[142c];***

***(e) ħruġ u amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' pagament bħal travellers' cheques u bankers' drafts sa fejn tali attività ma tkunx koperta mill-punt (d); intermedjazzjoni fis-suq monetarju, żamma sikura u amministrazzjoni ta' titoli; servizzi tar-referenza tal-kreditu; servizzi tal-kustodja sikura; ħruġ ta' flus elettroniċi; għoti ta' pariri dwar u bejgħ ta' prodotti ta' istituzzjonijiet regolati oħra mingħajr ma tittieħed il-pożizzjoni ta' prinċipal, soġġett għar-rekwiżiti ta' (MIFID/MIFIR).***

***2. Minbarra l-attivitajiet permessi skont il-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet ta' negozjar kif spjegat hawn taħt sakemm ikunu jistgħu juru lill-awtorità kompetenti li qed jintużaw biss għall-fini ta' mmaniġġjar prudenti tal-kapital, il-likwidità u l-finanzjament:***

***(a) l-użu ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax, derivattivi tal-kambju u derivattivi ta' kreditu eliġibbli għall-ikklirjar ta' kontropartijiet ċentrali biex jiġi ħħeġġjat ir-riskju globali tal-karta bilanċjali tagħha fejn l-attività tal-iħħeġġjar hija mfassla biex tnaqqas b'mod li jista' jintwera jew ittaffi b'mod sinifikanti, riskji speċifiċi u identifikabbli ta' pożizzjonijiet individwali jew aggregati tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali;***

***(b) ix-xiri u d-disponiment ta' assi likwidi ta' kwalità għolja li mill-inqas jissodisfaw l-istandards stabbiliti fl-Artikolu 416 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-fini ta' mmaniġġjar tal-pożizzjoni tal-flus u l-likwidità tas-CCI;***

***(c) is-self għal u s-self fis-swieq interbankarji għall-fini ta' mmaniġġjar tal-pożizzjoni tal-flus u l-likwidità tas-CCI***

***soġġetta għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 142d (ġdid);***

***(d) il-ħruġ u xiri mill-ġdid tat-titoli għall-fini li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-immaniġġjar tal-kapital tal-attivitajiet prinċipali tas-CCIs. Dan jista' jinkludi titolizzazzjoni mhux meqjusa li hija ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja tas-CCI jew għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni kollha kemm hi jew partijiet minnha.***

***3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' remunerazzjoni stabbiliti fid-Direttiva, il-politika ta' remunerazzjoni applikabbli għall-persunal tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali impenjat f'attivitajiet ta' ħħeġġjar:***

***(a) għandu jkollha l-għan li tipprevjeni kwalunkwe attività ta' negozjar proprjetarju residwa jew moħbija, kemm jekk moħbija bħala mmaniġġjar tar-riskji kif ukoll jekk moħbija mod ieħor;***

***(b) għandha tirrifletti l-objettivi leġittimi ta' ħħeġġjar tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali kollha kemm hi u tiżgura li r-remunerazzjoni mogħtija ma tkunx direttament determinata mir-referenza għall-profitti ġġenerati minn dawn l-attivitajiet iżda tqis l-effikaċja globali tal-attivitajiet fit-tnaqqis jew il-mitigazzjoni tar-riskju. Il-korp maniġerjali u l-membri individwali tiegħu għandhom jiżguraw li l-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tkun konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, filwaqt li jaġixxu fuq il-parir tal-kumitat tar-riskju, meta dan il-kumitat jitwaqqaf skont l-Artikolu 76(3) tad-Direttiva, u jinkludu din l-informazzjoni fir-rapport annwali.***

***4. Il-Kummissjoni għandha [OP idaħħal id-data eżatta sa 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva] tadotta atti delegati skont l-Artikolu 145 biex tispeċifika liema tip ta' titolizzazzjoni***

***mhijiex meqjusa li hija ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali jew għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni kollha kemm hi fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn l-aspetti:***

***(a) il-karatteristiċi strutturali, bħat-trasformazzjoni tal-maturità inkorporata u s-sempliċità tal-istruttura;***

***(b) il-kwalità tal-assi sottostanti u l-karatteristiċi tal-kollateral relatati;***

***(c) l-elenkar u l-karatteristiċi ta' trasparenza tat-titolizzazzjoni u l-assi sottostanti tagħha;***

***(d) is-sodezza u l-kwalità tal-proċessi ta' sottoskrizzjoni.***

***Il-Kummissjoni għandha [OP idaħħal id-data eżatta sa 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament] tadotta atti delegati skont l-Artikolu 145 biex tispeċifika l-kriterji li jiddeterminaw li l-attività tal-iħheġġjar imsemmija fil-paragrafu 2 hija mfassla biex tnaqqas b'mod li jista' jintwera u ttaffi b'mod sinifikanti, riskji speċifiċi u identifikabbli ta' pożizzjonijiet individwali jew aggregati tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali.***

*Artikolu 142d (ġdid)*

***Limiti ta' skoperturi kbar barra mill-grupp***

***1. Apparti d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 395 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta l-miżuri jiġu imposti skont dan il-Kapitolu ta' din id-Direttiva, l-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali ma għandhiex iġġarrab dawn l-iskoperturi:***

***(a) skopertura kbira li taqbeż 25 fil-mija tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali ta' entità finanzjarja. Dak il-limitu ta' skopertura għandu japplika fuq bażi subkonsolidata, u wara li jitqies l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu u l-eżenzjonijiet skont l-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE)***

***Nru 575/2013 u l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;***

***(b) skoperturi kbar li b'kollox jaqbżu 200 fil-mija tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali għal entitajiet finanzjarji. Dak il-limitu ta' skopertura għandu japplika fuq bażi subkonsolidata, u wara li jitqies l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu u l-eżenzjonijiet skont l-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 145 biex taġġusta l-livell tal-limitu ta' skoperturi kbar aggregati barra mill-grupp kif stabbilit fil-punt (b) tal-paragrafu 1, f'konformità ma' sa fejn tiġi rikonoxxuta l-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.***

***2. Apparti d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta l-miżuri jkunu ġew imposti skont dan ill-Kapitolu ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw restrizzjonijiet fir-rigward tar-rikonoxximent ta' tekniki ta' mitigazzjoni ta' kreditu għall-komputazzjoni ta' valuri tal-iskopertura għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' skopertura kbira kif imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 145 biex tispeċifika sa fejn jiġu rikonoxxuti tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu inklużi tipi ta' protezzjoni eliġibbli ta' kreditu u limiti għalihom għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, bil-għan li jiġi żgurat li t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu ma jfallux meta jkun hemm riskji sabiex jista' jkun hemm irkupru effettiv tal-protezzjoni ta' kreditu.***

***Artikolu 142e (ġdid)***

***Rekwiżiti ta' żvelar***

***1. Istituzzjoni ta' kreditu prinċipali għandha tippubblika, tal-inqas kull sitt xhur karta bilanċjali separata li tispjega l-użu tal-kapital prorpju tagħha jew tal-flus missellfin sabiex tieħu pożizzjonijiet fi kwalunkwe tip ta' tranżazzjoni għax-xiri, bejgħ jew inkella tikseb jew tiddisponi minn kwalunkwe strument jew komodità finanzjarja b'konnessjoni dimostrabbli ma' kull wieħed minn dawk li ġejjin:***

***(a) attività tal-klijent attwali jew antiċipata b'mod raġonevoli***

***(b) l-iħħeġġjar tar-riskji proprji tal-entità li jirriżultaw mill-attività tal-klijent attwali jew antiċipata b'mod raġonevoli,***

***(c) il-ġestjoni prudenti tal-kapital, il-likwidità u l-finanzjament tal-entità; jew***

***(d) attivitajiet oħra.***

***Taqsima III***

***Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti***

***Artikolu 142f (ġdid)***

***Rekwiżit għall-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali biex ma jwettqux ċerti attivitajiet***

***1. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-attivitajiet ta' negozjar biex tiddetermina sa liema punt huma permessi attivitajiet skont l-Artikolu 142c(ġdid) għal dawn l-entitajiet:***

***(a) istituzzjoni ta' kreditu prinċipali stabbilita fl-Unjoni, li ma tkunx impriża prinċipali u lanqas sussidjarja, inklużi l-fergħat kollha tagħha irrispettivament minn fejn ikunu jinsabu;***

***(b) kumpanija prinċipali tal-UE, inklużi l-fergħat u s-sussidjarji kollha irrispettivament minn fejn ikunu jinsabu, fejn waħda mill-entitajiet tal-grupp tkun istituzzjoni ta' kreditu prinċipali stabbilita fl-Unjoni;***

***(c) fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE stabbiliti f'pajjiżi terzi.***

***2. Meta l-awtorità kompetenti***

***tikkonkludi li, wara l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali twettaq attivitajiet ta' negozjar li mhumiex permessi, sa mhux aktar tard minn xahrejn wara l-finalizzazzjoni ta' dik il-valutazzjoni, hija għandha tibda l-proċedura li twassal għal deċiżjoni biex tissepara kompletament l-entità ta' kreditu prinċipali minn mal-entità ta' negozjar.***

*Artikolu 142g (ġdid)*

***Is-separazzjoni ta' attivitajiet ta' negozjar mhux permessi għal Istituzzjoni ta' Kreditu Prinċipali***

***1. L-attivitajiet ta' negozjar kollha mhux ipprojbiti mill-Artikolu 142b (ġdid) u mhux permessi għal istituzzjoni ta' kreditu prinċipali fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 142c (ġdid), wara d-deċiżjoni ta' awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 142f (ġdid), għandhom jiġu trasferiti għal istituzzjoni ekonomikament, legalment u operazzjonalment separata ("entità ta' negozjar").***

***2. Entitajiet ta' negozjar ma għandhomx jappartjenu għall-istess grupp bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali. Il-kuntratti kollha u tranżazzjonijiet oħra magħmula bejn istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali u entitajiet ta' negozjar isiru distakkament.***

***3. Istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali ma għandhomx iżommu strumenti kapitali jew drittijiet tal-vot f'entitajiet ta' negozjar jew viċi versa. Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tippermetti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 49(3)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iżommu strumenti kapitali jew drittijiet tal-vot f'entità ta' negozjar fejn l-awtorità kompetenti tqis li ż-żamma ta' dawn l-istrumenti kapitali jew id-drittijiet tal-vot ikunu indispensabbli għall-funzjonament tal-grupp u li l-istituzzjoni ta' kreditu***

***prinċipali tkun ħadet biżżejjed miżuri sabiex ittaffi b'mod xieraq ir-riskji rilevanti. Istituzzjoni ta' kreditu prinċipali, li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu ċentrali u lanqas waħda reġjonali, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex titħalla żżomm strumenti kapitali jew drittijiet tal-vot direttament fi kwalunkwe entità ta' negozjar. Qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-EBA.***

***L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-EBA. L-EBA għandha tippubblika lista ta' dawk l-istituzzjonijiet li għalihom ikun ġie applikat dan il-paragrafu.***

***4. Skont il-liġi nazzjonali applikabbli, l-isem jew il-ħatra ta' entitajiet ta' negozjar u istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali għandha tkun tali li l-pubbliku jkun jista' jidentifika faċilment liema entità tkun entità ta' negozjar u liema entità tkun istituzzjoni ta' kreditu prinċipali.***

***5. Wara s-separazzjoni, l-istituzzjonijiet ta' negozjar għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabiliti fit-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Parti s-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fit-Titolu VII ta' din id-Direttiva.***

***6. Minkejja l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 142a (ġdid), l-entitajiet ta' negozjar, fi kwalunkwe każ, għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 142b (ġdid) ta' din id-Direttiva.***

---

***[142a] Id-Direttiva Nru 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti, ĠU L 135, 31.05.1994, p. 0005 sa 0014.***

***[142b] Id-Direttiva Nru 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU L 135,***

| | |
|---|---|
| | ***31.05.1994, p. 0005 sa 0014).*** |
| | [142C] ***Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1 sa 36).*** |

Or. en

**Emenda 422**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 161 - paragrafu 10a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tirrevedi u tanalizza l-fattibbiltà tal-approċċi differenti għal riskji ta' konċentrazzjoni tal-bonds sovrani tal-UE mmirati biex jinċentivaw tnaqqis fl-iskopertura ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għad-dejn tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom filwaqt li fl-istess ħin iżidu l-inċentivi għall-istituzzjonijeit biex iżommu portafoll diversifikat sew tad-dejn maħruġ minn Stati Membri minbarra dawk li jkunu stabbiliti fihom.*** |
| | ***Ir-rapport għandu jindirizza b'mod speċifiku l-fattibbiltà ta' approċċ li jassenja piż tar-riskju żero lil parteċipazzjonijiet tad-dejn sovran tal-UE li l-proporzjonijiet relattivi tiegħu huma konformi ma' punt ta' riferiment li jirrappreżenta portafoll diversifikat sew u piż tar-riskju pożittiv lil parteċipazzjonijiet li jiddevjaw b'mod sinifikanti minn tali punt ta' riferiment.*** |
| | ***Ir-rapport għandu jiġi segwit minn proposti leġiżlattivi għal kwalunkwe*** |

*approċċ meqjus bħala fattibbli fir-rapport.*

Or. en

**Emenda 423**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 161 - paragrafu 10a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Sa nofs l-2020 il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BERS kif ukoll bħala rikonoxximent għax-xogħol tal-BCBS, għandha toħroġ rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fattibbiltà u l-effettività ta' approċċ li jassenja piż ta' riskju mhux żero lill-parteċipazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tad-dejn sovran tal-Istati Membri, bil-għan li gradwalment u b'attenzjoni timplimenta trattament regolatorju bbażat fuq ir-riskju ta' dawn l-iskoperturi kif ukoll tirrikonoxxi u tindirizza r-riskju sistemiku li jirriżulta f'parteċipazzjonijiet kbar minn istituzzjonijiet ta' kreditu ta' skoperturi sovrani.*** |

Or. en

**Emenda 424**
**Ashley Fox**
f'isem il-Grupp ECR
**Bernd Lucke, Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 161 - paragrafu 10a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew rapport dwar l-istrumenti regolatorji għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' skoperturi sovrani, kif ġie diskuss mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja fid-dokument ta' diskussjoni tiegħu tal-2017 "The regulatory treatment of sovereign exposures" (It-trattament regolatorju tal-iskoperturi sovrani).[1] Dan ir-rapport għandu jagħti valutazzjoni bir-reqqa tal-funzjonalità u l-effettività ta' dawn l-istrumenti biex jinċentiva lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex iqisu kif xieraq ir-riskji inerenti ta' ċerti skoperturi sovrani fil-portafolli tal-assi tagħhom. [1] Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (2017): The regulatory treatment of sovereign exposures (It-trattament regolatorju tal-iskoperturi sovrani), dokument ta' diskussjoni tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, Diċembru 2017.*** |

Or. en

**Emenda 425**
**Philippe Lamberts, Ernest Urtasun, Sven Giegold**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 161 – paragrafu 10b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tirrevedi u tanalizza b'mod komprensiv:*** <br> ***- l-evidenza eżistenti, inkluża dik prodotta mill-EBA matul l-eżerċizzji ta'*** |

***benchmarking regolari tagħha u sorsi superviżorji oħra, dwar il-varjabbiltà tal-ispeċifikazzjoni tal-mudell intern, il-kalibrazzjoni u r-riżultati għal kampjun rappreżentattiv tal-iskoperturi tal-istituzzjonijiet tal-UE li jiffaċċjaw, li ma jistgħux jiġu spjegati f'termini tar-riskju tal-iskoperturi. Ir-rapport għandu jivvaluta wkoll l-impatt ta' tali varjabbiltà fuq l-intervall ta' kunfidenza fl-istimi tar-rekwiżiti kapitali tal-istituzzjonijiet individwali u l-kapitalizzazzjoni tas-sistema bankarja b'mod ġenerali;***

***- il-fattibbiltà ta' approċċi differenti, inklużi iżda mhux limitati għal dawk li qed jiġu diskussi f'korpi internazzjonali tal-istabbiliment tal-istandards bħall-użu ta' limiti bbażati fuq mudelli standardizzati, għall-istabbiliment ta' limiti prudenzjali għall-varjabbiltà ta' rekwiżiti kapitali stmati permezz ta' approċċi interni li ma jistgħux jiġu spjegati f'termini tar-riskju ta' skoperturi;***

***- pjan direzzjonali għall-indirizzar ta' sottovalutazzjoni materjali tar-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw minn tali varjabbiltà.***

***Meta r-rapport jidentifika rekwiżit għal tibdil fil-qafas prudenzjali eżistenti, dan għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.***

Or. en

**Emenda 426**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold, Ernest Urtasun**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35**
Direttiva 2013/36/UE
Artikolu 161 - paragrafu 10c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10c. Sa Diċembru 2022, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, għandha tissottometti rapport*** |

***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġiżlattiva jekk xieraq, dwar tranżazzjonijiet finanzjarji strutturati kumplessi li huma strutturati biex potenzjalment jipproduċu benefiċċji għat-taxxa sinifikanti - kif imsemmi fl-Artikolu 449b (ġdid) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 - kif ukoll dwar ir-rakkomandazzjonijiet biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni.***

Or. en

**Emenda 427**
**Caroline Nagtegaal, Marian Harkin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. |
| | ***Bi stennija r-reviżjoni tal-qafas prudenzjali għad-ditta tal-investiment, skont il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament COM (2017) 790 final u għal Direttiva COM(2017) 791 final, l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva kif kienu [fil-jum qabel id-dħul fis-seħħ tad-direttiva emendatorja] għad-ditti tal-investiment li mhumiex ditti tal-investiment sistemiku kif definit fil-punt (139) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (in-numru finali għadu jrid jiżdied – bħalissa jinsab f'COM(2016) 850 final - Proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tranżizzjonali meħtieġa għall-qafas il-ġdid għad-ditti tal-investiment.*